**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 26 ta' April 2017**

Rikors Guramentat Nru. 82 / 15RGM

Kawza fil-lista: 10

**X Z**
**vs**
**A D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu talab *inter alia* l-kura u kustodja tal-minuri F b'access favur il-konvenuta.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li permezz taghha *inter alia* opponiet it-talbiet attrici u talbet li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejha.

Rat in-nota tan-Nutar Dr Gareth Micallef tat-13 ta' Marzu 2017 li permezz taghha esebixxa kopja tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet ippubblikat fis-27 ta' Frar 2017 li permezz tieghu ftehmu dwar dan kollu li jolqot il-minuri.

Ikkunsidrat illi l-mertu tal-kawza u tal-eccezzjonijiet gie ezawrit salv il-kap tal-ispejjez.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Marzu 2017 fejn l-abbli avukati tal-partijiet ittrattaw il-kap tal-ispejjez.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat;

Mit-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri jirrizulta (1) illi l-attur qed jitlob li l-ispejjez gudizzjarji jigu kollha akkollati lill-konvenuta ghaliex isostni li l-ftehim kien possibbli biss wara li l-konvenuta hassret minn mas-sieheb li kellha, u (2) illi l-konvenuta qed titlob li l-ispejjez gudizzjarji jigu kollha akkollati lill-attur ghaliex ssostni li l-ftehim ma ntlahaqx qabel minhabba l-pika da parti tal-attur illi ma kienx lest jasal ghal ftehim sakemm il-konvenuta kienet ghadha f'relazzjoni mas-sieheb li kellha.

Ikkunsidrat;

Illi l-kawza odjerna giet intavolata fit-13 ta' April 2015.

Il-kunflitt ta' bejn il-partijiet dwar min ghandu jkollu l-kura u l-kustodja tal-minuri F kien wiehed elevat tant li kull parti ppretendiet li jkollha l-kura u kustodja esklussiva.

Fl-istadju tal-gbir tal-provi tal-attur il-partijiet infurmaw lill-Qorti li lahqu ftehim li sussegwentement gie inkorporat f'kuntratt ipprezentat fit-13 ta' Marzu 2017.

Ikkunsidrat illi skont il-kuntratt imsemmi "il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun wahda kongunta….."

Ikkunsidrat illi r-ragunijiet moghtija rispettivament miz-zewg partijiet huma t-tnejn plawsibbli. Jibqa' l-fatt pero` illi llum l-kura u kustodja tal-minuri hi kongunta.

Fil-fehma tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi:

1. Filwaqt li tiddikjara l-mertu tat-talbiet attrici ezawrit u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

2. Tiddeciedi l-kap tal-ispejjez billi tordna li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attur u nofs mill-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**